GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami li jikkwalifika għall-Post ta' Security Guard Fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

**Suġġett:** IL-MALTI

**Data:** 5 ta' Diċembru 2023

**Ħin:** 09:00 – 10:30 (Siegħa u nofs)

**L-istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha TLIET taqsimiet: Taqsima A, Taqsima B u Taqsima Ċ. Il-kandidati jridu jwieġbu t-TLIET taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

**Taqsima A**

**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 200 kelma dwaru.**

a. Ikteb rakkont li jibda: 'Mhux li kien kont tabib'.

b. Fl-għalqa tan-nannu Ġużeppi.

ċ. Il-faqar: perċezzjoni jew realtà?

d. Il-flus.

e. Il-Milied ta' tfuliti.

f. Dakinhar li mort naħdem f'bank u spiċċajt vittma.

**(40 marka)**

**Taqsima B**

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha li hemm taħtha.**

**Emanuel Benjamin (E. B.) Vella (1898 – 1946)**

Awtur li bla dubju ħaqqu r-rispett ta' kulħadd hu Emanuel Benjamin Vella. Huwa twieled il-Mosta fl-20 ta' Ġunju fl-1898. Ta' 23 sena kien diġà sar surmast tal-iskejjel. Kien temm b'suċċess kors fil-Kulleġġ St. Mary fl-Ingilterra. F'Malta, Vella mexxa diversi skejjel elementari fosthom tal-Birgu, San Pawl il-Baħar, Ħaż-Żabbar u Ħal Tarxien. Vella litteralment bena ħajtu madwar il-kamp tal-edukazzjoni.

Kien bis-saħħa tiegħu li fl-iskejjel tal-gvern bdejna naraw kotba letterarji u iktar avventurużi għat-tfal Maltin li tant kienu meħtieġa meta tqis il-vojt li kien hawn. Din kienet filosofija għal kollox ġdida peress li qabel, it-tentazzjoni faċli kienet li jittieħdu siltiet minn testi klassiċi Maltin li iktar kienu jappellaw għall-adulti milli għat-tfal. Wieħed irid iqis li dan ma sarx bi traskuraġni imma wkoll minħabba ċirkustanzi storiċi. Kienu żminijiet meta d-Dipartiment responsabbli mill-Edukazzjoni taħt l-Amministrazzjoni Ingliża, kien beda jiftaħ opportunitajiet ta' tagħlim għal dawk li riedu jibnu lill-pajjiż f'diversi oqsma, inkluża l-edukazzjoni. Fergħa li mhux dejjem ingħatat l-attenzjoni xierqa.

Suċċess notevoli għal Vella hu l-fatt li kien l-ewwel Malti li ġab il-Board of Education Certificate li bih seta' jgħallem fl-iskejjel elementari madwar l-Imperu Ingliż kollu. Vella kellu wkoll bażi kulturali b'saħħitha. Studja l-ilsna orjentali fl-Università ta' Londra. Kien ukoll Spettur tal-Iskejjel u dmiru kien li jistabbilixxi livelli fejn jidħol it-tagħlim ta' għadd ta' suġġetti, fosthom il-Malti. Kien imexxi kors ta' taħriġ fil-Malti għas-surmastrijiet tal-iskejjel u kien jorganizza l-klassijiet ta' filgħaxija għal dawk impjegati maċ-Ċivil.

Fit-tletinijiet tas-seklu 20, Vella ppubblika s-sensiela *Ġabra ta' Ward*, li damet tintuża fl-iskejjel sas-snin sittin. Is-sensiela offriet qari divertenti dirett għat-tfal li fuq kollox kien imiss ma' bosta friegħi u dixxiplini. Kienet sensiela li riedet teduka l-qalb u l-moħħ waqt li tistimula l-intelliġenza. Fuq kollox kienet sensiela gradata skont il-ħtieġa tat-tfal. B'kollox ħarġu 5 volumi bejn l-1935 u l-1936 u ġew stampati għand Oxford University Press.

Minbarra t-tagħlim tal-Malti, Vella kellu interessi wkoll fit-tagħlim tal-Ingliż u kien jesiġi li dan kellu jsir b'mod mill-iktar professjonali. Dak kien l-għan u l-messaġġ tal-pubblikazzjoni *The Teaching of English in Our Primary Schools*. Vella kiteb għadd ta' kotba dwar numru ta' rħula Maltin u fihom ninnutaw ir-riċerka bħala l-bażi. Fil-Mosta sar monument li jfakkar lil Emanuel Benjamin Vella li miet fit-2 ta' Mejju fl-1946.

*Adattament tas-silta mill-artiklu 'Awturi Mhux Magħrufa' ta' Sergio Grech*

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**1. Ikteb "VERU" jew "FALZ" għal kull waħda minn dawn is-sentenzi t'hawn taħt:**

a. E. B. Vella laħaq surmast fl-aħħar tal-karriera tiegħu. VERU / FALZ

b. Huwa kien strumentali biex jiddaħħlu kotba letterarji u avventurużi fl-iskejjel tal-gvern. VERU / FALZ

ċ. L-edukazzjoni dejjem ingħatat l-attenzjoni xierqa taħt l-Amministrazzjoni Ingliża. VERU / FALZ

d. E. B. Vella ħa ħsieb it-tagħlim tal-Malti għall-ħaddiema taċ-Ċivil. VERU / FALZ

e. Is-sensiela *Ġabra ta' Ward* intużat fl-iskejjel bejn l-1935 u l-1936 biss. VERU / FALZ

**(10 marki)**

**2. Agħżel u ikteb ir-risposta t-tajba, skont dak li qrajt fis-silta.**

a. E. B. Vella introduċa kotba (għall-anzjani, għal studenti żgħar, għal studenti kbar).

b. Vella kien surmast fi skejjel (l-Ingilterra, sekondarji, elementari).

ċ. Vella kien jinteressa ruħu wkoll fit-tagħlim fl-iskejjel (tal-Ingliż, tal-ilsna orjentali, ta' siltiet klassiċi Maltin).

d. Kiteb ukoll diversi kotba dwar (it-tagħlim elementari, l-irħula Maltin, kif titmexxa skola).

e. F'Malta nsibu (bijografija, skola, monument) bħala tifkira ta' E. B. Vella.

**(10 marki)**

**3. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont is-silta:**

a. F'liema żewġ postijiet barra minn xtutna studja E.B.Vella?

b. X'inizjattiva ħa Vella biex l-istudenti ma jibqgħux jiddependu minn siltiet ta' testi klassiċi Maltin? Għaliex taħseb li ħa din l-inizjattiva?

ċ. Liema kienu ż-żewġ pubblikazzjonijiet ta' E. B. Vella biex imexxu 'l quddiem it-tagħlim kemm tal-Malti kif ukoll tal-Ingliż?

d. X'rabta għandu E. B. Vella mal-*Board of Education Certificate* u x'opportunitajiet fetaħlu?

e. X'kienu ż-żewġ għanijiet li kellha tilħaq is-sensiela ta' kotba *Ġabra ta' Ward*?

**(20 marka)**

**Taqsima Ċ: LINGWA**

Wieġeb l-eżerċizzji **kollha** li ġejjin. Din it-taqsima fiha **20 marka**.

1. Qiegħed dawn is-sentenzi fil-**Maskil**:

a. L-omm u l-bint marru jippassiġġaw ftit fil-kampanja.
b. Il-bniedma tipproponi biss.
ċ. Il-ħmara meqjusa bħala annimal intelliġenti.
d. Skont in-nanna, tan-nanna ħelu manna.
e. Il-pustiera qassmet l-ittri kollha fi ftit ħin.

**(10 marki)**

2. Oħroġ **verbi** mill-kelma li hemm fil-parentesi biex timla l-vojt f'dawn is-sentenzi:

a. Ilbieraħ jien u ħuti ______ (mawra) _____(logħba) bil-ballun.
b. Kuljum immur _____ (ġirja) sabiex _____ (ħass) aħjar.
ċ. L-ikel li _____ (oħxon) mhux tajjeb biex _____ (ikel) regolarment.
d. Mary marret _____ (kitba) biex _____ (parteċipazzjoni) fil-kompetizzjoni tal-Arti.
e. Stefan _____(ċajt) ma' kulħadd, anke ma' min ma _____ (mħabba) iċ-ċajt.

**(10 marki)**

**Total: 100 marka**

# TMIEM IL-KARTA TAL-EŻAMI